**MALTA**

**TRIBUNAL GHAL TALBIET ŻGĦAR**

**ĠUDIKATUR**

**DR. ANNA MALLIA**

**Seduta tad-19 ta' April, 2018**

**Talba Numru: 536/2016 AM3**

**Numru fuq il-Lista: 39**

**GO plc (C22334)**
**Triq Fra Diegu,**
**Marsa MRS 1501**

**vs**

**Boban Jovanovic (Pass Nru. 00117913A)**
**32, Triq il-Kungress Ewkaristiku,**
**Mosta**

It-Tribunal,

Ra l-Avviż tat-Talba fl-ismijiet premessi, ippreżentat fit-28 ta' Settembru, 2017 li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet minghand il-konvenut is-somma ta' tmien mija u tnejn u tmenin ewro u sebgha u erbghin centezmu (€882.47c) in konnessjoni ma' servizzi ta' komunikazzjoni moghti mis-socjeta' attrici lill- konvenut fuq l-akkont li jgib n-numru AC40484539.

Ra li mill-atti jirriżulta li għalkemm il-konvenut gie debitament notifikat kemm bl-Avviż tat-Talba u wkoll bl-Avviż tas-Seduta, hu ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-liġi u lanqas ma deher għas-seduti li nżammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li ġie ppreżentat mis-socjeta' attrici u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih u ghalhekk għandu jittieħed bħala mistqarr.

Semgha bil-gurament lir-rapprezentant tas-socjeta' attrici tixhed bil-gurament li d-debitu ghadu dovut, issib li t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta gusitikata u timmerita konferma.

Għaldaqstant, it-Tribunal wara li semgha lir-rapprezentant tas-socjeta' attrici tikkonferma li l-ammont kollu ghadu dovut, qed jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici is-somma ta' tmien mija u tnejn u tmenin ewro u sebgha u erbghin centezmu (€882.47c) bl-imghaxijiet legali mid-data tal-prezentata tal-Avviz tat-Talba sad-data tal-effettiv pagament.

Bl-ispejjez a karigu tal-konvenut.

**Dr Anna Mallia**
**Gudikatur**